**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 199/2010**

**Illum: 8 ta' Frar, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Darren Scerri**
**(ID 253382(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Darren Scerri ta' 25 sena, iben Anthony u Carmen nee` Magro imwieled il-Pieta` fil-5 ta' Mejju 1982, residenti 175, St. Angelo's Street, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 253382(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Mejju 2007 u matul it-tminn xhur ta' qabel din id-data:

a. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom

x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini (LN 22 tal-1985) kif emendati;

b. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2014 u dan dwar it-talba tad-difiza sabiex l-istqarrija tal-imputat tigi sfilzata jew skartata stante li din ittiehdet fi zmien meta l-istess imputat ma kellux il-jedd ghal assistenza legali qabel irrilaxxja l-istess stqarrija;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex ikkontestati kienu s-segwenti: Fil-11 ta' Mejju 2007, ghall-habta tas-2.30 am. jew it-3.00 a.m., waqt li pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PS 1335, PC 865, PC 246 u PC 773, kienu qeghdin jaghmlu ronda fl-inhawi tal-Barrani, innutaw vettura li baqghet hierga minn fuq it-*traffic lights* u giet imwaqqfa. Din il-vettura kienet misjuqa mill-imputat. Saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-vettura, fejn fil-*glove compartment* instabet kapsula tal-plastik (deskritta wkoll bhala bajda tal-*kinder*) li kienet tikkontjeni pillola bajda suspettata *ecstasy*, kif ukoll ritratt li fih l-imputat kien jidher qed ipejjep allegat *joint*. Dawn l-oggetti gew elevati u l-imputat ittiehed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.[1] L-ghada saret tfittxija f'kamra f'ghalqa

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1355 Cleon Purshouse, a fol. 15 sa 24 tal-process u x-xhieda ta' PC 773 Ryan Tonna, a fol. 30 sa 32 tal-process.

gewwa z-Zejtun, izda din irrizultat fin-negattiv.[2] L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar il-11 ta' Mejju 2007[3] u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[4]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, liema dokument kien jikkonsisti fis-segwenti: *Envelope* tal-Gvern ta' Malta bil-kliem "S/B/528/2010, Sp. Dennis Theuma vs Darren Scerri, 199/2010, droga, 8/11/2010". F'dan l-*envelope* kien hemm borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 11/5/07, Hin 1.30 a.m., Elevat/i minn gol-glove compartment vehicle no. IBG-145, fil-presenza ta' Darren Scerri, minn PS 1355, PC 865". F'din il-borza, kien hemm ritratt, borza zghira tal-plastik trasparenti li kienet vojta, pakkett ta' lewn celesti ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka "Rizla" u kontenitur tal-plastik ta' lewn isfar u ahdar li go fih kien hemm pillola ta' lewn abjad.

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert ikkonkluda illi l-pillola ta' lewn abjad instabet fiha s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*, liema sustanza hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont ix-xhieda tal-istess espert, din is-sustanza hija normalment maghrufa bhala *ecstasy*.[5]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fil-11 ta' Mejju 2007 ossia ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-pulizija ta' persuna arrestata jew suspettata. Dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Mid-data li fiha din il-Qorti tat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2014 dwar it-talba tad-difiza illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu ghandha tigi sfilzata jew skartata minn din il-Qorti, inghataw diversi sentenzi ohrajn kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar dan il-punt, liema kwistjoni llum hija kristallizzata. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

---

[2] Ara l-kontro-ezami ta' PS 1355 Cleon Purshouse, a fol. 44 sa 48 tal-process.
[3] Din tinsab esebita a fol. 10 tal-process.
[4] A fol. 62 sa 85 tal-process
[5] A fol. 13 tal-process.

“*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*…*

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*”.

F’dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta’ **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta’ Gunju 2014, qalet hekk:

“*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma’ l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta’ avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b’mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f’dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-*

*ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[6] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[7] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

[6] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[7] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Fis-sentenza taghha tal-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet **Malcolm Said vs Avukat Generali et**, b'referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea 'Mario Borg v. Malta' u 'Martin Dimech v. Malta' li ghalihom saret referenza izjed 'il fuq, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"*19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija tieghu. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali.*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta ttieħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess.*"

Fil-kaz odjern, ghalhekk, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu u in vista tal-fatt illi l-istess stqarrija kienet certament ta' pregudizzju ghalih, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrija bhala prova ammissibbli u qeghda tiskartaha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Dwar l-okkazzjoni li fiha huwa gie arrestat, l-imputat jghid illi dakinhar huwa kien qieghed fi Triq tal-Barrani u baqa' ghaddej minn fuq l-ahmar, fis-sens illi kien baqa' ghaddej minn fuq it-*traffic lights* meta dawn kienu homor. Jghid illi dakinhar huwa kien imhawwad hafna ghaliex kien ghadu kif ircieva l-ahbar li t-tfajla tieghu kienet tqila, kienu argumentaw, kien ha xi grokk ukoll u zewg pilloli *ecstasy*. Jghid illi qabel gie mwaqqaf mill-pulizija huwa kien qieghed ghand it-tfajla tieghu. L-imputat jghid ukoll illi fl-istess zmien, ommu kienet ma tiflahx, li kienet ghadha kif harget minn operazzjoni tal-kancer u li ghalhekk kien inkwetat hafna. Jghid li ommu kienet giet *diagnosed* bil-kancer lejn l-ahhar tas-sena 2006 u li huwa kien jghinha meta kienet tmur tiehu l-kura. Jghid illi ghalhekk kien inkwetat dwar kif kien ser jghid lil ommu, li diga` kienet ghaddejja minn zmien difficli, li t-tfajla tieghu kienet tqila. Dakinhar tal-incident kien sejjer ghand ommu, iz-Zejtun. Fil-pussess tieghu, instabet pillola wahda li kienet fid-*dashboard* tal-vettura. Mistoqsi kemm il-darba kien ha pilloli *ecstasy*, huwa jghid illi kien ha darbtejn biss, li "*darba hadt 4 jew darba xi 3 jew 4 ohra*".[8] Wara jghid illi dakinhar meta kien ghand it-tfajla qabel gie arrestat, kienet it-tielet darba li ha l-pilloli *ecstasy*. Jghid illi huwa qatt ma biegh jew ta pilloli lil hadd u l-pilloli li xtara kienu ghall-uzu tieghu. Dwar ir-ritratt li nstab fil-pussess tieghu, huwa jghid illi dan kien ilu mehud bejn hames u sitt snin qabel instab mill-pulizija. L-imputat jixhed ukoll illi huwa kellu xi ghaxar pilloli, li kien xtara dawn il-pilloli ghalih lejn l-ahhar tas-sena 2006 u li sa Mejju 2007, kien ha xi seba' minnhom. Jghid illi l-pilloli li kien xtara kien hadhom hu u kien baqghalu biss dik il-pillola wahda li sabu l-pulizija. Jghid ukoll illi minn dakinhar li nqabad mill-pulizija, huwa ma hax izjed droga u qatt ma kellu izjed problemi mal-pulizija.

---

[8] A fol. 71 tal-process.

Xehed ukoll hu l-imputat, Roderick Scerri, li jghid illi dak iz-zmien li huh gie arrestat, ommhom kienet qed tiehu l-kura ghall-kancer tas-sider ghaliex din il-marda kienet regghet fegget lejn l-ahhar tas-sena 2006. Jghid illi l-imputat kien vicin hafna ma' ommu ghaliex huwa z-zghir fil-familja u jghix maghha u li dak iz-zmien kien inbidel, fis-sens illi ma kien jitkellem ma' hadd u ma baqax kif kien is-soltu. Jghid ukoll illi dak iz-zmien, huh kellu xi nkwiet mat-tfajla.[9]

Dwar ix-xhieda moghtija mill-imputat, il-Qorti tirrileva illi qal x'qal l-imputat f'din ix-xhieda dwar ir-ragunijiet ghaliex qal dak li qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu, minghajr ma kkonferma bil-gurament il-kontenut ta' dik l-istqarrija, m'huwiex relevanti llum la darba, kif inghad izjed 'il fuq, l-istqarrija tal-imputat ma tistax tintuza bhala prova f'dawn il-proceduri.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, li tirreferi ghall-11 ta' Mejju 2007 u t-tmien xhur ta' qabel din id-data, l-imputat gie akkuzat bit-traffikar ta' medicina psikotropika u ristretta, f'dan il-kaz pilloli *ecstasy.*

Skartata l-istqarrija tal-imputat, dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa li fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' pillola *ecstasy* li kienet fil-vettura tieghu. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jammetti l-pussess ta' din il-pillola u jghid illi huwa kien xtara ghaxar pilloli lejn l-ahhar tas-sena 2006 u li l-pillola misjuba kienet proprju wahda minn dawn l-ghaxar pilloli. Il-bqija tal-pilloli, skont hu, kien ikkunsmahom fi tliet okkazzjonijiet diversi, fosthom dak il-lejl stess, ghaliex kien ha zewg pilloli waqt li kien ghand it-tfajla tieghu. L-ohrajn ikkunsmahom f'zewg okkazzjonijiet ohrajn. Dwar din il-verzjoni tal-imputat, il-Qorti tikkunsidra illi ghalkemm ma tqisx illi huwa wisq verosimili illi persuna li qatt ma tkun uzat *ecstasy* qabel, tixtri ghaxar pilloli f'daqqa u mbaghad tikkonsma erba' pilloli fl-ewwel okkazzjoni li taghmel uzu mill-istess, biss mill-banda l-ohra, fl-atti m'hemm l-ebda prova ohra li tista' twassal lill-Qorti sal-konvinciment morali illi l-imputat kien traffika l-pilloli *ecstasy* fil-perjodu li ghalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna. Veru illi l-Qorti ma ssibx il-verzjoni tal-imputat verosimili kif inghad, izda fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra li tindika li l-imputat kien traffika l-*ecstasy*, il-Qorti ma tistax a bazi biss ta' din l-inversomiljanza, tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, illi allura l-imputat traffika l-pilloli *ecstasy.*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

[9] A fol. 87 sa 91 tal-procss.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, ossia illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u dan fl-istess zmien li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni, jirrizulta illi l-imputat gie addebitat b'din l-imputazzjoni fid-dawl tal-fatt illi fil-vettura tieghu nstab ritratt li fih huwa kien jidher qed ipejjep allegat *joint*. Ghalkemm fuq mistoqsija tad-difensur tieghu, fix-xhieda tieghu, l-imputat ma jikkontestax li dan kien jikkontjeni l-*cannabis*, biss huwa jghid illi dan ir-ritratt kien ilu mehud xi hames jew sitt snin qabel instab dakinhar tal-arrest tieghu. Ma tirrizulta l-ebda prova mill-atti li turi xort'ohra. Fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, instabet biss il-pillola *ecstasy* u pakkett tal-karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka 'Rizla' u ghalhekk ma nstabet l-ebda droga ohra.

Ghaldaqstant, la darba din l-imputazzjoni tirreferi ghall-jum tal-arrest tal-imputat u t-tmien xhur ta' qabel, l-istess imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tornda d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat